

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2382

tal-14 ta' Diċembru 2017

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għat-trażmissjoni tal-informazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 34(9) u 35(12) tagħha,

Billi:

- (1) Ikun xieraq li jiġu stabbiliti formoli, proċeduri u mudelli standard komuni għas-sottomissjoni tal-informazzjoni mitluba minn ditti ta' investiment, operaturi tas-suq u jekk previst mid-Direttiva 2014/65/UE, istituzzjonijiet ta' kreditu li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' investiment u li jwettqu attivitajiet fi Stat Membru ieħor taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew taħt id-dritt ta' stabbiliment.
- (2) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament, fid-dawl tal-Artikoli 34(1) u 35(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, japplikaw ukoll għal istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati taħt id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ li jużaw aġenti marbuta biex jipprovdu servizzi ta' investiment bil-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew bit-twaqqif ta' fergħa.
- (3) Huwa importanti li jiġu stabbiliti formoli standard li jkopru l-lingwa u l-mezz ta' komunikazzjoni ta' notifiċi ta' passaport li jistgħu jintużaw minn ditti tal-investiment, operaturi tas-suq, u meta meħtieġ, istituzzjonijiet ta' kreditu, u mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u ospitanti sabiex jiġi ffaċilitat il-provvediment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment fl-Istati Membri kollha u l-prestazzjoni effiċjenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.
- (4) Hija meħtieġa valutazzjoni tal-preċiżjoni u tal-kompletezza tan-notifika mressqa mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju sabiex tiġi żgurata l-kwalità ta' (i) l-informazzjoni sottomessa mid-ditta tal-investiment, l-operatur tas-suq, jew, meta meħtieġ, l-istituzzjonijiet ta' kreditu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u (ii) l-informazzjoni sottomessa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.
- (5) Huma meħtieġa dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tindika meta n-notifika tinstab li tkun inkompluta jew żbaljata biex tkun żgurata ċ-ċarezza fl-identifikazzjoni u l-komunikazzjoni ta' kwalunkwe element nieqes jew żbaljat u biex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-indirizzar ta' kwistjonijiet bħal dawn u tas-sottomissjoni mill-ġdid tal-informazzjoni kompluta u korretta.
- (6) Ir-rikonoxximent tal-wasla ta' notifiċa ta' passaport ta' fergħa sottomessa jew notifiċa ta' passaport ta' aġent marbut hija meħtieġa biex tiżgura ċarezza rigward id-data tal-wasla tan-notifiċa rilevanti u d-data eżatta li fiha ditta tal-investiment tista' tistabbilixxi l-fergħa jew tagħmel użu minn aġent marbut stabbilit fl-Istat Membru ospitanti.

⁽¹⁾ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

- (7) Biex tiġi żgurata l-koerenza, jenħtieġ li jintużaw forum speċifiċi meta ditta tal-investment jew operatur tas-suq, li joperaw faċilità multilaterali tan-negożjar jew li jorganizzaw faċilità tan-negożjar, ikunu jixtiequ jipprovdu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor arranġamenti xierqa biex jiffaċilitaw l-aċċess għal dawk is-sistemi u negożjar fuqhom, minn utenti remoti, membri jew parteċipanti stabbiliti f'dak l-Istat Membru, sabiex tiġi żgurata l-adekwatezza kemm tal-informazzjoni sottomessa mid-ditta tal-investment jew mill-operatur tas-suq lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, kif ukoll tal-informazzjoni sottomessa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.
- (8) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mill-istess data.
- (9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.
- (10) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, l-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal ditti tal-investment u operatori tas-suq li joperaw faċilità multilaterali tan-negożjar (MTF) jew faċilità organizzata tan-negożjar ("OTF").
2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE li jipprovdu servizz ta' investment wieħed jew aktar jew iwettqu attivitajiet ta' investment skont id-Direttiva 2014/65/UE, u jixtiequ jużaw aġenti li jorbtu skont kwalunkwe wieħed mid-drittijiet li ġejjin:
 - (a) id-dritt tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u attivitajiet ta' investment skont l-Artikolu 34(5) tad-Direttiva 2014/65/UE;
 - (b) id-dritt tal-istabbiliment skont l-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2014/65/UE.

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

1. Kwalunkwe notifika jew komunikazzjoni sottomessa taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tkun aċċettata kemm mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, kif ukoll mill-Istat Membru tad-domiċilju.

Għandha tiġi sottomessa f'forma stampata jew, meta tkun aċċettata mill-awtorità kompetenti rilevanti, permezz ta' mezz elettroniku.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jqiegħdu l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku bil-lingwa/(i) u l-mezz ta' sottomissjoni aċċettati, inklużi d-dettalji tal-kuntatt għal notifikati tal-passaport.

Artikolu 3

Sottomissjoni tan-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investment

1. Id-ditta tal-investment għandha tissottometti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investment skont l-Artikolu 34(2) jew (5) tad-Direttiva 2014/65/UE il-formola stipulata fl-Anness I.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

2. Id-ditta tal-investment għandha tissottometti, għal kull Stat Membru li fiha biħsiebha topera, notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investment separata lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membru tad-domiċilju skont il-paragrafu 1.
3. Id-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemija fl-Artikolu 1(2)(a) li tixtieq tipprovi servizzi jew attivitajiet ta' investment permezz ta' aġent marbut stabbilit fl-Istat Membru tad-domiċilju għandha tissottometti notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investment lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, billi timla biss dawk il-partijiet rilevanti mal-aġent marbut fil-formola stipulata fl-Anness I.

Artikolu 4

Valutazzjoni tal-kompletezza u l-preċiżjoni tan-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investment

1. Mal-wasla tan-notifika ta' passaport tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investment skont l-Artikolu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tivvaluta l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta.
2. Meta jinstab li l-informazzjoni pprovduta tkun inkompluta jew żbaljata, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha, minhajr dewmien żejjed, tinforma lid-ditta tal-investment jew lill-istituzzjoni ta' kreditu msemija fl-Artikolu 1(2)(a) tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tindika fliema rigward partikolari l-informazzjoni nstabet li kienet inkompluta jew żbaljata.
3. Il-perjodu ta' xahar imsemmi fl-Artikolu 34(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(5) tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jibda mill-wasla ta' notifika ta' passaport tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investment li jkunu fiha informazzjoni li tinstab li hija kompluta u korretta.

Artikolu 5

Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investment

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, fi żmien xahar mill-wasla tan-notifika skont l-Artikolu 3, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar dik in-notifika, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness II, flimkien ma' kopja tan-notifika.
2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investment jew lill-istituzzjoni ta' kreditu msemija fl-Artikolu 1(2)(a) dwar il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1, inkluż dwar id-data ta' dik il-komunikazzjoni.

Artikolu 6

Sottomissjoni tan-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investment

1. Fil-każ ta' bidla fi kwalunkwe partikularità f'notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investment, id-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemija fl-Artikolu 1(2)(a) għandha tissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju bl-użu tal-formola deskritta fl-Anness I.
2. Għall-finijiet tan-notifika skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, id-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemija fl-Artikolu 1(2)(a) għandha timla biss dawk il-partijiet tal-formola stipulati fl-Anness I li huma rilevanti għall-bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika tal-passaport tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investment.
3. Għall-finijiet tan-notifika ta' bidliet relatati mas-servizzi u l-attivitajiet ta' investment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji pprovduti, id-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemija fl-Artikolu 1(2)(a) għandha telenka s-servizzi u l-attivitajiet ta' investment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji kollha li tipprovi fiż-żmien tan-notifika, jew li biħsiebha tipprovi fil-futur.

*Artikolu 7***Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' servizzi u attivitajiet ta' investment**

1. Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 6, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness III, flimkien ma' kopja tan-notifika skont l-Artikolu 6.
2. Fil-każ li l-awtorizzazzjoni tad-ditta tal-investment jew l-istitutuzzjoni ta' kreditu tiġi rtirata jew ikkanċellata, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness III.

*Artikolu 8***Sottomissjoni tan-notifika għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF**

Ditta tal-investment jew operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF li biħsiebu jipprovdi arranġamenti xierqa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal dawk is-sistemi u negozjar fuqhom fit-territorju ta' Stat Membru ospitanti ieħor, minn utenti remoti, membri jew parteċipanti stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju l-partikularitajiet tal-Istat Membru ospitanti li fih biħsiebu jipprovdi arranġamenti bħal dawn, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness IV.

*Artikolu 9***Komunikazzjoni rigward notifika għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF.**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti b'dik in-notifika fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika skont l-Artikolu 8, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness V, flimkien ma' kopja tan-notifika.
2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investment jew lill-operatur tas-suq li joperaw MTF jew OTF dwar il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1, inkluż dwar id-data ta' dik il-komunikazzjoni.

*Artikolu 10***Sottomissjoni ta' notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF**

1. Fil-każ ta' bidla fwaħda mill-partikularitajiet ta' notifika għall-provvediment tal-arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF, id-ditta tal-investment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF għandu jissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness IV.
2. Għall-finijiet tan-notifika skont il-paragrafu 1, id-ditta tal-investment jew l-operatur tas-suq li jopera MTF jew OTF għandu jimla biss dawk il-partijiet tal-formola stipulati fl-Anness IV rilevanti għall-bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF.

*Artikolu 11***Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-provvediment tal-arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF**

Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 10(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness II, flimkien ma' kopja tan-notifika.

*Artikolu 12***Sottomissjoni tan-notifika ta' passaport ta' fergħa**

Id-ditta tal-investment li tixtieq tistabbilixxi fergħa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandha tippreżenta lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tad-domiċilju l-informazzjoni kif meħtieġa mill-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/65/UE bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI.

*Artikolu 13***Sottomissjoni tan-notifika ta' passaport ta' aġent marbut**

1. Id-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li tixtieq tuża aġent marbut stabbilit fi Stat Membru ieħor għandha tissottometti l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju kif meħtieġ mill-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/65/UE, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness VII.
2. Meta ditta tal-investment jew istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) tkun tixtieq tuża aktar minn aġent marbut wieħed fi Stat Membru ieħor, hija għandha timla notifika separata fir-rigward ta' kull aġent marbut li bi ħsiebha tuża.
3. Ditta tal-investment li tixtieq tistabbilixxi fergħa li biħsiebha tuża l-aġenti marbuta għandha tippreżenta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju notifika ta' passaport ta' aġent marbut fir-rigward ta' kull aġent marbut billi timla l-formola stipulata fl-Anness VII.

*Artikolu 14***Valutazzjoni tal-kompletezza u tal-preċiżjoni tan-notifika ta' passaport ta' fergħa jew tan-notifika ta' passaport ta' aġent marbut**

1. Mal-wasla tan-notifika skont l-Artikolu 12 jew 13, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tivvaluta l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta.
2. Meta l-informazzjoni pprovduta tinstab li hi inkompluta jew żbaljata, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investment jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) tagħha. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tindika f'liema rigward partikolari l-informazzjoni nstabet inkompluta u żbaljata.
3. Il-perjodu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 35(3) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jibda mal-wasla tan-notifika tal-passaport tal-fergħa jew tan-notifika tal-passaport tal-aġent marbut li jkun fihom informazzjoni li tinstab kompluta u korretta.

*Artikolu 15***Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' passaport ta' fergħa**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha, fi żmien tlett xhur minn meta tirċievi n-notifika ta' passaport ta' fergħa skont l-Artikolu 12, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar dik in-notifika, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness VIII, flimkien ma' kopja tan-notifika.
2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investment dwar il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1, inkluż dwar id-data ta' dik il-komunikazzjoni.
3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, kif ukoll lid-ditta tal-investment li tkun irċeviet in-notifika.

*Artikolu 16***Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' passaport ta' aġent marbut**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika ta' passaport ta' aġent marbut skont l-Artikolu 13, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar dik in-notifika, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness IX, flimkien ma' kopja tan-notifika.
2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lid-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu dwar il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 1, inkluż dwar id-data ta' dik il-komunikazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u lid-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2) (b) li tkun irċeviet in-notifika.
4. L-aġent marbut ma għandux jibda s-servizzi jew l-attivitajiet ta' investment proposti tiegħu qabel ma jkun irreġistrat fir-reġistru pubbliku fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit dan l-aġent marbut, f'konformità mal-Artikolu 29(3) tad-Direttiva 2014/65/UE.
5. L-aġent marbut ma għandux jibda s-servizzi jew l-attivitajiet ta' investment proposti tiegħu qabel ikun irċieva l-komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.
6. Meta ma ssirx komunikazzjoni bħal din, l-aġent marbut jista' jibda s-servizzi u l-attivitajiet ta' investment proposti tiegħu xahrejn wara d-data tas-sottomissjoni tal-komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Artikolu 17

Sottomissjoni tan-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-fergħa

1. Fil-każ ta' bidla fil-partikularitajiet tan-notifika ta' passaport ta' fergħa, id-ditta tal-investment għandha tissottometti notifika bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

Id-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu għandha timla biss dawk il-partijiet tal-formola stipulati fl-Anness VI li jkunu rilevanti għall-bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika tal-passaport tal-fergħa.

2. Meta d-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu tkun biħsiebha tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji pprovduti permezz ta' aġenti marbuta, hija għandha tinnotifika, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness VI, lista tas-servizzi u attivitajiet ta' investment, servizzi anċillari jew strumenti finanzjarji li tipprovdni permezz ta' aġenti marbuta fiż-żmien ta' dik in-notifika jew li biħsiebha tipprovdni fil-futur permezz ta' aġenti marbuta.
3. Bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika ta' passaport ta' fergħa li jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-operazzjoni tal-fergħa għandhom jiġu notifikati bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness X.

Artikolu 18

Preżentazzjoni tan-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-aġent marbut

1. Fil-każ ta' bidla fxi waħda mill-partikularitajiet tan-notifika tal-passaport tal-aġent marbut, id-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness VII.

Id-ditta tal-investment jew l-istituzzjoni ta' kreditu għandha timla dawk il-partijiet tal-formola stipulati fl-Anness VII rilevanti għall-bidliet fil-partikularitajiet tan-notifika tal-passaport tal-aġent marbut.

2. Meta d-ditta tal-investment tkun biħsiebha tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investment, jew fl-istrumenti finanzjarji soġġetti għal notifika tal-passaport tal-aġent marbut, hija għandha tinnotifika, fil-formola stipulata fl-Anness VI, lista tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investment, l-istrument finanzjarji kollha li tipprovdni permezz ta' aġent marbut fiż-żmien tan-notifika jew li biħsiebha tipprovdni fil-futur.
3. Bidliet fil-partikularitajiet ta' notifika tal-passaport tal-aġent marbut li jikkonċernaw il-waqfien tal-użu ta' aġent marbut stabbilit fi Stat Membru ieħor għandhom jiġu notifikati bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness X.

*Artikolu 19***Komunikazzjoni rigward in-notifika ta' bidla fil-partikularitajiet tal-fergħa**

1. Wara l-wasla tan-notifika skont l-Artikolu 17(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness XI, flimkien ma' kopja tan-notifika.
2. Wara li tirċievi n-notifika skont l-Artikolu 17(3), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XIII, flimkien ma' kopja tan-notifika.

*Artikolu 20***Komunikazzjoni rigward notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' aġent marbut**

1. Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 18(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XII, flimkien ma' kopja tan-notifika.
2. Wara li tirċievi notifika skont l-Artikolu 18(3), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, il-bidliet notifikati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness XIII, flimkien ma' kopja tan-notifika.

*Artikolu 21***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mit-3 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Formola għan-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment u għan-notifika ta' bidla tal-partikularitajiet dwar servizzi u attivitajiet ta' investiment ⁽¹⁾

[L-Artikolu 3 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza:

Data:

Parti 1 – Informazzjoni ta' Kuntatt

Tip ta' notifika:

Notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment/notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment

Stat Membru li fih id-ditta tal-investment/l-istituzzjoni ta' kreditu biĥsiebha topera:

Isem tad-ditta tal-investment/istituzzjoni ta' kreditu

Isem kummerċjali

Indirizz:

Numru tat-telefown:

Email:

Isem tal-persuna ta' kuntatt fid-ditta tal-investment/istituzzjoni ta' kreditu:

Stat Membru tad-Domiċilju

Stat ta' Awtorizzazzjoni:

Awtorizzat minn [Stat Membru tad-Domiċilju Awtorit  Kompetenti]

Data tal-Awtorizzazzjoni:

Parti 2 — Programm ta' operazzjonijiet**Servizzi u attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari previsti***

	Servizzi u attivitajiet ta' investiment										Servizzi anċillari						
		A1	A2	A3	A4	A5	A5	A7	A8	A9	B1	B2	B3	B4	B5	B6	B7
Strumenti Finanzjarji	C1	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C2	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C3	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C4	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C5	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C6	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C7	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C8	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C9	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C10	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>
	C11	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>	<input type="checkbox"/>

(* Jekk jogħġbok immarka (x) fil-kaxxa xierqa.

(¹) Għall-finijiet ta' notifika ta' bidla fil-partikularitajiet ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment, jekk jogħġbok imla biss il-partijiet tal-formola li huma rilevanti għall-bidliet notifikati. Jekk l-intenzjoni hija li tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji, niżżel is-servizzi ta' investiment, l-attivitajiet, is-servizzi anċillari jew l-istrumenti finanzjarji kollha li se ttipprovdi d-ditta.

Dettalji tal-Aġent Marbut li jinsab fl-Istat Membru tad-domiċilju (*)

Isem tal-aġent marbut	Inderizz	Telefown	Email:	Kuntatt

(*) Jekk jogħġbok ipprovdni matriċi separata bis-servizzi ta' investiment previsti għal kull aġent marbut li biħsiebha tuża d-ditta tal-investiment.

Servizzi ta' investiment intiżi previsti li jiġu pprovduti mill-aġent marbut (*):

		Servizzi u attivitajiet ta' investiment									Servizzi anċillari						
		A1	A2	A3	A4	A5	A6	A7	A8	A9	B1	B2	B3	B4	B5	B6	B7
Strumenti Finanzjarji	C1	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C2	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C3	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C4	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C5	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C6	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C7	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C8	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C9	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C10	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									
	C11	<input type="checkbox"/>				<input type="checkbox"/>		<input type="checkbox"/>									

(*) Jekk jogħġbok immarka (x) fil-kaxxa/(ex) xierqa. Jekk biħsiebek tagħmel bidliet fis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment jew fl-istrumenti finanzjarji pprovduti mill-aġent marbut, jekk jogħġbok elenka s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi aċċessorji jew l-istrumenti finanzjarji li se jiġu pprovduti mill-aġent marbut.

ANNEX II

Formola għall-komunikazzjoni tan-notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investment mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza:

Data:

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/65/UE (1)

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt mañtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt mañtur:

Numru tat-telefown:

Email:

F'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, nixtiequ ninfurmawk li **[Isem tad-ditta]**, (1) ditta tal-investment awtorizzata minn [isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju], biñsiebha tipprovdi servizzi tal-investment u/jew attivitajiet tal-investment kif ukoll servizzi anċillari elenkati fin-notifika tal-passaport mehmuża għall-ewwel darba fl-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà biex tipprovdi servizzi jew attivitajiet ta' investment; jew (2) istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata minn [l-isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju] biñsiebha tipprovdi, permezz tal-użu ta' aġent marbut, is-servizzi jew attivitajiet ta' investment elenkati fin-notifika ta' passaport mehmuża għall-ewwel darba, fl-eżerċizzju tad-dritt ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi u attivitajiet ta' investment.

Jekk għandek xi mistoqsija, toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

Dejjem tiegħek,

[Firma]

(1) Jekk jogħġbok emenda kif xieraq.

ANNEX III

Formola għall-komunikazzjoni ta' bidla ta' notifika fil-partikolaritajiet ta' notifika ta' passaport ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment għall-provvediment ta' arranġamenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal MTF jew OTF mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

[L-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2382]

Numru ta' referenza:

Data:

Komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 34(4) jew l-Artikolu 34(7) tad-Direttiva 2014/65/UE (1)

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Numru tat-telefown:

Email:

LIL:

Stat Membru:

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

Indirizz:

Punt ta' kuntatt maħtur:

